MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 17/2006

**Raymond u Lilian konjugi Farrugia (ID 339170M u 338372 M)**

**Vs**

**Joseph (ID 86945M) u Teresa (ID 546250M) konjugi Abdilla, Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali Civili u Ministru tal-Gustizzja, u b'digriet tat-28 ta' April 2006 gie kjamat in kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-attl tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew :

Illi r-rikorrenti rcevew ittra ufficjali numru 11668/05 fl-ismijiet Joseph u Teresa konjugi Abdilla vs Raymond u Lilian konjugi Farrugia taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-ittra ufficjali giet ipprezentata fit-30 ta’ Novembru 2005 u r-risposta saret fil-5 ta’ Jannar 2006 u cioe wara li ghaddew it-tletin jum kontemplati taht l-artiklu 166A tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-esponenti ghalhekk intavolaw rikors a tenur tas-subartiklu (5) subinciz (ii) ta’ l-artiklu 166A tal-KAP 12 fejn titolu ezekuttiv li jinkiseb taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-istess artiklu ghandu jkun rexiss u dikjarat null mil-Qorti tal-Magistrati jekk wara min jircievi l-ittra ufficjali jkun notifikat minn mandat ezekuttiv, jaghmel talba illi l-ittra ufficjali, ma jkollhiex il-htigijiet kontemplati fis-subartikli (1), (2) u (3) ta’ l-artiklu 166A;

Illi permezz ta’ dan ir-rikors l-esponenti talbu l-Qorti tal-Magistrati sabiex tirrexxindi t-titolu ezekuttiv miksub mill-konjugi Abdilla permezz ta’ l-ittra ufficjali numru fl-ismijiet Joseph u Teresa konjugi Abdilla vs Raymond u Lilian konjugi Farrrugia u tiddikjara l-istess titolu ezekuttiv bhala null u bla effett fil-ligi u dan stante illi l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet kontemplati fl-artikolu 166A (1), (2) u (3) u dan taht dawk id-dispozizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilHa xierqa li tordna.

Illi permezz ta’ digriet tal-31 ta’ Jannar 2006 il-Qorti tal-Magistrati ordnat is-sospensjoni provizorja ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-ittra uffficjali;

Illi sussegwentement permezz ta’ digriet *in camera* ta’ l-20 ta’ Frar 2006 il-Qorti tal-Magistratii rrevokat l-ordni provizorju tas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni ta’ l-ittra ufficjali u kkonfermat in-nota tad-9 ta’ Jannar 2006 li permezz taghha giet reza ezekuttiva l-ittra ufficjali u ghalhekk il-Qorti tal-Magistati cahdet it-talba ta’ l-esponenti kontenuta fir-rikors;

Illi a tenur **ta' l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ''*kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli;''*

Illi skond l**-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** ''*fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.''*

Illi skond l-umli fehma ta' l-esponenti, il-mod kif il-Qorti tal-Magistrati ddisponiet mir-rikors tal-konjugi Farrugia u cioe permezz ta' semplici digriet kamerali ta' l-20 ta' Frar 2006 jikser id-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti Farrugia kemm taht l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan stante illi l-Qorti tal-Magistrati naqqset milli tipprovdi smigh xieraq ghall-istess konjugi Farrugia billi ma tatx kaz il-provi dokumentarji li pprezentaw mar-rikors u fuq kollox ma tathomx smigh xieraq ghal kaz taghhom;

Illi effettivament l-ittra ufficjali promotrici tal-konjugi Abdilla kienet nieqsa mill-elementi rikjesti mill-artiklu 166A u cioe id-dejn mitlub ma kienx wiehed cert, u skadut u kwindi l-konjugi Abdilla ma setghux jaghmlu uzu mill-procedura kontemplata fl-artiklu 166A tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-legislatur haseb sabiex jaghti rimedju ghal min isofri l-procedura specjali kontemplata fl-artiklu 166A u ma jdahhalx fi zmien stipulat risposta, liema rimedju huwa kontenut fl-artiklu 166A(5)(ii) tal-Kap 12 li effettivament jghid li titolu ezekuttiv li jinkiseb taht id-dispozizzjonijiet ta' l-istess artiklu ghandu jkun rexiss u dikjarat null mill-Qorti tal-Magistrati jekk wara li min jircievi l-ittra ufficjali jkun

notifikat minn mandat ezekuttiv, jaghmel talba illi l-ittra ufficjali, ma jkollhiex il-htigijiet kontemplati fis-subartikli (1), (2) u (3) ta' l-artiklu 166A;

Illi l-Qorti tal-Magistrati ma tatx l-opportunita' lill-konjugi Farrugia jressqu l-provi necessarji u anki jittrattaw Il-kaz taghhom biex jippruvaw illi l-ittra ufficjali tal-konjugi Abdilla ma kellhiex il-htigijiet kontemplati fl-artiklu 166A;

Illi di piu', ma jezisti l-ebda rimedju ta' appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati taht id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 166A(5) (ii) u kwindi l-esponenti ma setghux jappellaw mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-20 ta' Frar 2006;

Illi ghalhekk id-dispozizzjonijiet ta' KAP 12 li jaghtu lok ghal procedura specjali ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva ma jaghtux rimedji xierqa li jipprotegu id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet involuti fil-kaz bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kontenplati fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-20 ta' Frar 2006 jikser id-dispozizzjonijiet kontenuti fl-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Tiddikjara li l-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikser id-dispozizzjonijiet kontenuti fl-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Taghti lill-esponenti dawk ir-rimedji xierqa li din l-Onorabbli Qorti joghgobha li tordna

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.

Rat **ir-risposta ta' l-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali** a fol. 10 tal-process fejn issotometta:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom ghar-ragunijiet segwenti:

Eccezzjonijiet Preliminari

1. Illi minhabba n-natura tat-talbiet rikorrenti kif motivati fl-imsemmi rikors promotur, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali mhux il-leggittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-kwistjoni kostituzzjonali *de quo* ma tirrigwardax l-andament ta' l-amministrazzjoni pubblika inerenti fid-dipartiment governattiv *de quo,* izda huwa lment dovut u li jolqot l-andament ta' proceduri quddiem Qorti presjeduta minn Magistrat jew Imhallef, li ghalihom, li ghalihom ma jirrispondix Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali (ara f'dan is-sens **Brian Vella vs Avukat Generali et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 24 ta' Novembru 2004; **Lucien Stafrace nomine vs Agent Registratur tal-Qrati** et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 1988 (LXXII-1-127); **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qorti u in rapprezentanza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri et.** deciza fil-25 ta' April, 1990 (Vol. LXXIV-1-91); **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza fl-14 ta' Marzu 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali); **Edmond Mugliette vs Registratur tal-Qorti tal-Revizjoni tal-Atti Nutarili** deciza fit-12 ta' Gunju 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali); u aktar recenti **''Raphael Aloisio et nomine vs Avukat Generali et''** deciza nhar l-14 ta' Gunju 2005 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u wisq anqas ma ghandu r-rapprezentanza tal-Legislatur li promulga l-Att li bih gie fis-sehh l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 kif ukoll skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni taghhom skond il-ligi.

3. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 kif ukoll skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li in realta ma gie miksur ebda dritt uman jew liberta fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti stante li dak li qed jilmentaw minnu ma jwassalx ghal ksur ta' l-artikolu rilevati tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Eccezzjonijiet fil-mertu

4. Illi l-ilment tar-rikorrenti li l-Artikolu 166A ma jipprovdix dritt t'appell ghandu jigi michud stante li ma hemm dritt uman li jissancixxi tassattivament ksur ta' dritt uman f'kaz li ma jkunx previst appell f'kawza li tittatta materja ta' dritt civili.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **ir-risposta tal-Intimat Ministru tal-Gustizzja** a fol. 12 tal-process fejn issottometta:

1. Preliminarjament, in kwantu r-rikors promotur jallega ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-ghoti ta' digriet minn Qorti kompetenti, u in kwantu l-istess rikors jallega ksur tad-drittijiet tal-bniedem b'artiklu tal-ligi, l-esponent mhux legittimu kuntradittur peress li la jifforma parti mill-Gudikatura u lanqas iwiegeb ghall-ghemil taghha, kif ukoll lanqas ma jikkostitwixxi l-parti legislattiva tal-Istat Malti u lanqas iwiegeb ghall-ghemil taghha.

2. Preliminarjament, in kwantu din il-procedura qed tittenta tannulla digriet tal-Qorti, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kaz ai termini tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap 319, stante li kien hemm rimedju ordinarju li baqa' mhux ezawrit mir-rikorrenti qabel inbdiet din il-procedura.

3. Preliminarjament, in kwantu din il-procedura qed tittenta sservi ta' appell minn digriet moghti minn Qorti

kompetenti, u minhabba dak li nghad fit-tieni paragrafu ta' din ir-risposta, din il-procedura hija abbuziva u frivola u vessatorja.

4. Illi fil-mertu jinghad li ma kien hemm ebda ksur tal-artiklu 396(2) tal-Kostituzzjoni jew tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni permezz tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Frar 2006, u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

a. Illi r-rikorrenti donnhom qed jilmentaw li l-Qorti tal-Magistrati ma tathomx smigh xieraq ghax ma tatx kaz il-provi dokumentarji mar-rikors u tat digriet *in camera.* L-esponenti jissottometti li l-ghoti ta' digriet *in camera* ma jfissirx li l-Qorti injorat id-dokumenti annessi mar-rikors. Kif jirrizulta mill-atti tal-ittra ufficjali 11668/05, il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha dehrilha li ghandha tichad it-talba kif dedotta fir-rikors tar-rikorrenti. Izda cahda ta' talba ma tammontax ghall-ksur tad-dritt ta' smigh xieraq.

b. Illi r-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li l-Qorti tal-Magistrati tat digriet *in camera*. L-esponenti jissottomettu li l-essenza tad-dritt ghal smigh xieraq jitlob li applikant ikollu dritt iressaq il-kaz tieghu. Dan il-fatt sehh fil-kaz odjern. Izda kontrarjament ghal dak li xtaqu r-rikorrenti, il-Qorti cahdet it-talba taghhom fir-rikors. Izda kif ga inghad, dan ma jwassalx fih innifsu ghal nuqqas ta' smigh xieraq. Hawnhekk jinghad ukoll li l-artiklu 166(A)(5)(ii) tal-Kap 12 jipprovdi li l-Qorti ghandha tannulla t-titolu ezekuttiv meta <u>hi tkun sodisfatta</u> li sehhew il-kriterji msemmija fis-subparagrafu (5)(i) u (ii). Ghalhekk ma jezisti l-ebda obbligu fuq il-Qorti, kif donnhom jittentaw jissuggerixxu r-rikorrenti, li l-Qorti ghandha tilqa' f'kull kaz rikors li jsir ai termini ta' dan il-paragrafu.

c. Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti dwar l-ghoti tad-digriet in *camera,* jinghad li l-Qorti Ewropea kellha okkazjoni tiddeciedi fuq il-punt ta' pronunzjament pubbliku ta' decizjoni u sabet li dan id-dritt hu sodisfatt jekk il-Qorti ma taqrax id-decizjoni taghha fil-pubbliku izda tippubblikaha fir-Registru tal-Qorti. Dan hu precizament

dak li sehh f'dan il-kaz peress li digriet *in camera* huwa pubblikat fir-Registru.

d. Illi jinghad ukoll li l-Qorti Ewropea fit-taghlim taghha, iddecidiet ukoll li kaz irid ikun ezaminat fl-assjem tieghu, u jekk fl-assjem jirrizulta li l-persuna inghata smigh adegwat, allura ma jissussisti l-ebda ksur.

5. Illi lanqas ma jissussisti l-ebda ksur tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-artiklu 166A tal-Kap 12. Jidher li r-rikorrenti qed jilmentaw f'dan ir-rigward peress li jsostnu li l-ligi ma tipprovdix dritt t'appell fil-kaz tal-procedura fl-artiklu 166A tal-Kap 12. L-esponenti jissottomettu li, bhalma hu l-kaz f'partijiet ohra tal-ligi tal-procedura, l-fatt li l-ligi ma tipprovdix ghal appell rigward din il-procedura, dan ma jfissirx li ma jezistix appell. L-appell hu possibbli taht il-partijiet generali tal-ligi tal-procedura li jipprovdi ghal appell.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

Rat ir-**risposta tal-kjamat fil-kawza l-Avukat Generali** a fol. 20 tal process fejn issottometta:

1. Preliminarjament in kwantu din il-procedura qed tittenta tannulla digriet tal-Qorti, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehiu konjizzjoni tal-kaz ai termini tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap 319, stante li kien hemm rimedju ordinarju li baqa' mhux ezawrit mir-rikorrenti qabel inbdiet din il-procedura.

2. Preliminarjament in kwantu din il-procedura qed tittenta sservi ta' appell minn digriet moghti minn Qorti kompetenti, u minhabba dak li nghad fl-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta, din il-procedura hija abbuziva u frivola u vessatorja.

3. Illi fil-mertu jinghad li ma kien hemm ebda ksur tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni permezz tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Frar 2006, u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

a. lli r-rikorrenti donnhom qed jilmentaw li l-Qorti tal-Magistrati ma tathomx smigh xieraq ghax ma tatx kaz il-provi dokumentarji mar-rikors u tat digriet *in camera.* L-esponenti jissottometti li l-ghoti ta' digriet *in camera* ma jfissirx li l-Qorti injorat id-dokumenti annessi mar-rikors. Kif jirrizulta mill-atti tal-ittra ufficjali 11668/05, il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha dehrilha li ghandha tichad it-talba kif dedotta fir-rikors tar-rikorrenti. Izda cahda ta' talba ma tammontax ghall-ksur tad-dritt ta' smigh xieraq.

b. Illi r-rikorrenti jilmentaw mill-fatt li l-Qorti tal-Magistrati tat digriet *in camera*. L-esponenti jissottomettu li l-essenza tad-dritt ghal smigh xieraq jitlob li applikant ikollu dritt iressaq il-kaz tieghu. Dan il-fatt sehh fil-kaz odjern. Izda kontrarjament ghal dak li xtaqu r-rikorrenti, il-Qorti cahdet it-talba taghhom fir-rikors. Izda kif ga inghad, dan ma jwassalx fih innifsu ghal nuqqas ta' smigh xieraq. Hawnhekk jinghad ukoll li l-artiklu 166(A)(5)(ii) tal-Kap 12 jipprovdi li l-Qorti ghandha tannulla t-titolu ezekuttiv meta hi tkun sodisfatta li sehhew il-kriterji msemmija fis-subparagrafu (5)(i) u (ii). Ghalhekk ma jezisti l-ebda obbligu fuq il-Qorti, kif donnhom jittentaw jissuggerixxu r-rikorrenti, li l-Qorti ghandha tilqa' f'kull kaz rikors li jsir ai termini ta' dan is-paragrafu.

c. Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti dwar l-ghoti tad-digriet in *camera,* jinghad li l-Qorti Ewropea kellha okkazjoni tiddeciedi fuq il-punt ta' pronunzjament pubbliku ta' decizjoni u sabet li dan id-dritt hu sodisfatt jekk il-Qorti ma taqrax id-decizjoni taghha fil-pubbliku izda tippubblikaha fir-Registru tal-Qorti. Dan hu precizament dak li sehh f'dan il-kaz peress li digriet *in camera* huwa pubblikat fir-Registru.

d. Illi jinghad ukoll li l-Qorti Ewropea fit-taghlim taghha, iddecidiet ukoll li kaz irid ikun ezaminat fl-assjem tieghu,

u jekk fl-assjem jirrizulta li l-persuna inghata smigh adegwat, allura ma jissussisti l-ebda ksur.

4. Illi lanqas ma jissussisti l-ebda ksur tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-artiklu 166A tal-Kap 12. Jidher li r-rikorrenti qed jilmentaw f'dan ir-rigward peress li jsostnu li l-ligi ma tipprovdix dritt t'appell fil-kaz tal-procedura fl-artiklu 166A tal-Kap 12. L-esponenti jissottomettu li, bhalma hu l-kaz f'partijiet ohra tal-ligi tal-procedura, l-fatt li l-ligi ma tipprovdix ghal appell rigward din il-procedura, dan ma jfissirx li ma jezistix appell. L-appell hu possibbli taht il-partijiet generali tal-ligi tal-procedura li jipprovdu ghal appell.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

Rat id-digriet a fol. 8 tal-process li bih gew allegati l-atti 11668/05;

Rat il-verbal tat 22 ta' Marzu 2006;

Rat id-digriet li bih gie kjamat in kawza l-Avukat Generali;

Rat in-nota ta' cessjoni a fol 25 fejn ir-rikorenti cedew l-atti fil-konfront ta' l-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u l-Ministru tal-Gustizzja filwaqt li zammew ferm l-pretensjonijiet taghhom fil-konfront ta' Joseph u Teresa konjugi Abdilla u fil-konfront tal-Avukat Generali;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

Rat in-nota tal-15 ta' Novembru, 2006;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Rimedju ordinarju**

Ir-rikors thalla ghal lum ghas-sentenza fuq ir-risposta tal-kjamat in kawza Avukat Generali li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju.

**Kontestazzjoni**

Il-kjamat in kawza fir-risposta tieghu kien wiegeb li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kaz a termini tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap 319, stante li r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju li baqa' mhux ezawrit  u dan in kwantu li huma b'din il-procedura qed jippruvaw jannullaw digriet tal-Qorti.

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li ma jezisti l-ebda rimedju ta' appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati taht id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 166A(5) (ii) u kwindi huma ma setghux jappellaw mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-20 ta' Frar 2006.

Illi d-dispozizzjonijiet ta' Kap 12 li jaghtu lok ghal procedura specjali ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva ma jaghtux rimedji xierqa li jipprotegu id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet involuti fil-kaz bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kontemplati fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-rikorrenti jissottomettu li dina l-Qorti ghandha diskrezzjoni taht il-Kostituzzjoni Art 46(2) u <u>tista'</u>, anke jekk ikun hemm rimedju ordinarju, tezercita d-diskrezzjoni taghha.

Il-kjamat fil-kawza spjega li l-fatt li fil-Kodici ta' Procedura Kap 12 taht il-provvediment ta' l-artikolu 166A ma hemmx specifikatament ipprovvdut li hemm appell mid-decizjoni tal-Magistrat taht l-artikolu 166(A)(5)(ii) ma jfissirx li fil-fatt ma jistax isir appell. Hu jaghmel riferenza ghal artikolu iehor tal-Kodici tal-Procedura – senjatament l-artikolu 466 – fejn ghalkemm dik hi wkoll procedura specjali u m'hemmx provvdut appell, ma jfissirx li l-parti m'ghandiex appell.

## Ligi

Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser u ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[1].

M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed il jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci[2];

In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu;

Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat [3]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[4]."

## Tikkunsidra

[1] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet *Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106).
[2] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet *Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija* .
[3] Kost. **14.5.2004** fil-kawza fl-ismijiet *David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku.*
[4] Kost. **31.10.2003** fil-kawza fl-ismijiet *Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et.*

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed jilmentaw li l-mod kif il-Qorti tal-Magistrati ddisponiet mir-rikors taghhhom u cioe permezz ta' semplici digriet kamerali jikser id-drittijiet fundamentali taghhom ghall smigh xieraq billi ma tatx kaz il-provi dokumentarji li huma pprezentaw mar-rikors u huma ma jistghux jappellaw minn dana d-digriet.

Kwantu ghall allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Qorti tal-Magistrati ma tatx kaz tal-provi prezentati u ghalhekk huma ma kellhomx smigh xieraq, jirrizulta li fil-kaz in ezami l-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2006 tghid li kienet rat l-atti tal-ittra ufficjali; kienet rat ir-rikors li kienu pprezentaw il-konjugi Farrugia fejn opponew it-talba, kif ukoll rat ir-risposta tal-konjugi Abdilla, izda lill Qorti tal-Magistrati rrizultalha li t-terminu ta' 30 jum fil-kuntest ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 kien ghadda inutilment u ghalhekk ir-risposta tal-konjugi Farrugia kellha titqies bhala wahda tardiva u bla effett. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati rrevokat l-ordni provissorju tas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-ittra ufficjali u kameralment cahdet ir-rikors tal-konjugi Farrugia.

Ir-rikorrenti jilmentaw li huma setghux jappellaw minn dak id-digriet. Jigi rilevat l-ewwelnett li d-dritt ta' appell mhux parti mill-elementi ta' smigh xieraq (ara f'dan is-sens Qorti Kostituzzjonali Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et 15/3/ 1996). Imbaghad il-fatt biss li fil-ligi (artikolu 166A Kap 12) ma hemmx specifikatament provvdut appell, ma jfissirx li m'hemmx appell jew li wiehed ma jistax jappella. Fil-Kodici ta' Procedura Kap 12 imbaghad hemm kazijiet fejn il-ligi specifikatament tipprovvdi u tghid li minn digriet partikolari ma jistax isir appell – per ezempju l-artikolu 836(5) u hemm kazijiet fejn il-Ligi tipprovvdi li jista jsir appell - Art 283(A)(5).Kap 12.

Ir-rikorrenti jissottomettu li d-digriet kamerali ma kienx appellabbli taht l-artikolu 229 tal-Kap 12. Kieku r-rikorrenti riedu jattakkaw jew jannullaw id-digiet moghti kameralment huma setghu jaghmlu dana billi jattakkaw id-digriet gudizzjarjarment, kif jista isir, mhux necessarjament b'appell (ara f'dan is-sens is-sentenzi

riportati fil-Vol 38A p336; LXX1 p1-11p128, 186 u Vol 32 p1 p 340 fost l-ohrajn).

Kwantu ghas-sottomissjoni ulterjuri tar-rikorrenti li l-fatt li l-legislatur se jemenda din il-ligi, fis-sens li rikorsi simili ghandhom jigu appuntati ghas-smigh fi zmien gimghatejn, ma jbiddel xejn minn dak li ntqal fil-kaz in ezami, billi l-Qorti tal-Magistrati kienet rat u semghet is-sottomissjonijiet miktubin tal-rikorrenti. Lanqas b'din l-emenda mhux qed jinghad li se jigi introdott dritt ta' appell. Jidher li dina l-emenda hija aktar marbuta mal-fatt li se jkun hemm zieda fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, milli mal fatt li kien hemm xi nuqqas fil-ligi kif kienet.

Illi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tezercita d-diskrezzjoni taghha taht l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319 la darba r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju xieraq.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha billi hija sodisfatta li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ghall ksur allegat minnhom.
Spejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------